

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI (UE) 2019/2071 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-5 ta' Diċembru 2019

**li taħtar il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-lista ta' kandidati stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea fit-30 ta' Ottubru 2019, skont l-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725, wara sejħa pubblika għal kandidati, bil-ħsieb tal-ħatra tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni 2014/886/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(2)</sup>, is-Sur Giovanni BUTTARELLI nħatar bħala l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u s-Sur Wojciech Rafał WIEWIÓROWSKI bħala l-Assistent Kontrollur, għall-perijodu mill-4 ta' Diċembru 2014 sal-5 ta' Diċembru 2019.
- (2) Is-Sur Giovanni Buttarelli miet fl-20 ta' Awwissu 2019. F'konformità mal-Artikolu 100(4) tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-Assistent Kontrollur għalhekk issostitwixxa lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għall-bqija tal-mandat tal-Assistent Kontrollur, li jintemm fil-5 ta' Diċembru 2019.
- (3) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jinħatar bi qbil komuni bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, għal perijodu ta' ħames snin mis-6 ta' Diċembru 2019,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Wojciech Rafał WIEWIÓROWSKI huwa b'dan maħtur bħala l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għall-perijodu mis-6 ta' Diċembru 2019 sal-5 ta' Diċembru 2024.

<sup>(1)</sup> ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2014 li taħtar il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Assistent Kontrollur (ĠU L 351, 9.12.2014, p. 9).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-5 ta' Diċembru 2019.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*  
D. M. SASSOLI

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
M. LINTILÄ

---